**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Marzu, 2019

Rikors Guramentat numru : 23/12 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru 1978, l-esponenti izzewget lil intimat C B (Dok. MS 1);
2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, D u E li llum huma t-tnejn maggorenni, izda jghixu fid-dar matrimonjali flimkien ma' ommhom, u E li llum ghandha tnejn u ghoxrin (22) sena, ghadha studenta *full time* l-Universita` ta' Malta, u li sa llum ghadu mhux ragonevolment possibli li tmantni lilha nnifisha kif xieraq.

3. Illi l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju versu martu rikorrenti, kif ukoll irrenda ruhu hati ta' eccessi, u offizi gravi versu martu rikorrenti, u kontra uliedu, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-provi.
4. Illi inoltre l-intimat, abbanduna lil martu ghal aktar minn sentejn u cioe mis-sena 2008 'l quddiem, u dan sabiex stabilixxa r-residenza tieghu x'imkien iehor, barra mid-dar matrimonjali.
5. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment b'mod li l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli.
6. Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet moghti nhar id-9 ta' Dicembru 2011 fl-atti tal-Ittra nrum 821/11 (Dok. MS 2).
7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghall-firda personali.

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi B, ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimat.
2) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;
3) Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li l-intimat jitlef kull jedd li ghandu fuq nofs l-akkwisti li saru bil-hidma tar-rikorrenti.
4) Tapplika kontra l-intimat l-effetti tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
5) Tordna illi r-rikorrenti ghandha tibqa` toqghod fid-dar matrimonjali, u cioe` fil-fond XX, ad eskluzjoni tal-intimat, u ghal dak il-perjodu u taht dawk il-kondizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa li timponi.
6) Tordna lill-intimat ihallas dik ir-retta alimentari lir-rikorrenti u li din il-Qorti jidhrilha xieraq ghaliha.

7) Tawtorizza lir-rikorrenti tipproduci lil persuni li huma marbuta bis-sigriet professjonali, hawn taht elenkati bhala xhieda, sabiex jigu ezenti mis-sigriet professjonali sabiex ikunu jistghu jixhdu fil-kawza odjerna u dan taht kull provvediment li din il-Qorti joghgobha timponi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, mil-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fol. 24)

1. Illi dwar l-ewwel talba, l-espoent jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda mhux abbazi tar-ragunijiet allegati mill-attrici fir-rikors guramentat taghha, izda minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici kif imfisser fil-kontro-talba u kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi dwar it-tieni talba, l-esponent jaqbel illi ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.
3. Illi dwar it-tielet talba, l-esponent jaqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghandha tigi likwidata f’zewg partijiet, mhux necessarjament ugwali, b’tali mod li l-attrici titlef kull jedd li ghandha fuq nofs l-akkwisti li saru bil-hidma tar-rikorrenti. L-esponent jaqbel li l-likwidazzjoni ghandha ssir abbazi tad-data meta martu tigi ritenuta hatja ta’ eccessi, ingurji u sevizzi fil-konfront tieghu.
4. Dwar ir-raba talba l-esponent jaqbel li f’tali likwidazzjoni ghandhom jigu applikati kontra l-attrici l-provvedimenti tal-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
5. Illi dwar il-hames talba, din ghandha tigi michuda stante li din il-propjeta tappartjeni liz-zewg partijiet u, meta tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti, inkluz il-bejgh tal-propjeta imsemmija mill-attrici f’din it-talba, kull parti ser ikollha bizzejjed sabiex takkwista propjeta` alternattiva bhala r-residenza ordinarja taghha.
6. Dwar is-sitt talba, inkwantu l-attrici qeghda titlob manteniment, din hija infondata fil-fatt u fid-dritt u

ghandha tigi michuda. Anzi hija l-istess attrici li ghandha tigi dikjarata li ddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment minghand zewgha kif fil-fatt qed jintalab fil-kontro-talba. Sussidjarjament u bla pregudizzju, tali talba hija wkoll infondata stante li l-attrici ghandha mezzi bizzejjed biex tmantni lilha nnifisha. Inoltre, il-fatt illi ghazlet illi tistudja minflok tahdem hija ghazla taghha, pero` xorta jibqa` l-fatt illi l-attrici ghandha l-kapacitajiet u l-earning power taghha, anke abbazi ta' xoghol part-time, apparti l-fatt illi ghandha introjtu diehel fil-forma ta' stipend regolari li tircievi kull xahar kif ukoll kontribuzzjonijiet ohra minghand binha u minghand ommha, li t-tnejn ghadhom jirrisjedu fid-dar matrimonjali.

7. Dwar is-seba` talba l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**Dikjarazzjoni**

Il-konvenut jikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li jafhom personalment.

1. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser minhabba sevizzi, eccessi u ngurji gravi kommessi mill-attrici fil-konfront tal-esponent kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi fil-fatt, ghalkemm il-kawza tas-separazzjoni bdietha martu, kien l-istess esponent li ha decizjoni li jitlaq mid-dar wara li ma felahx izjed ghan-nuqqas ta' rispett, rikatt emozzjonali u finanzjarju, agir umiljanti, abuziv u verbali, kif ukoll ghal 32 sena ta' abbuz psikologiku kostanti ta' martu li riedet tikkontrollah u tikmandah f'kull aspett ta' hajtu u li rrendiet il-hajja konjugali mpossibbli kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. L-imsemmija martu ppersistiet bl-agir taghha fuq deskritt minkejja li taf illi l-esponent ibati minn mard serju tal-qalb u konsegwenti anzjeta`. Appena illi telaq mid-dar matrimonjali, propju ghaliex ma felahx joqghod ghat-trattament umiljanti, krudili u ghar-rikattar u l-abbuz kontinwu, (fejn anke gie imkecci mill-kamra tas-

sodda matrimonjali) martu ppruvat titfa t-tort fuq l-esponent u tallega illi dahal f'relazzjoni intima ma' mara ohra – haga li l-esponent jichad bl-iktar mod kategoriku.

3. In fatti, kienet l-attrici illi l-ewwel darba esprimiet ix-xewqa li tissepara. Dan kien ferm qabel l-esponent ma telaq mid-dar, meta dan kien qieghed f'konvalixxenza wara operazzjoni ta' by-pass, fejn kien kostrett jibqa tlett xhur id-dar. L-attrici kompliet bit-trattament abbuziv tal-esponent sabiex fl-ahhar anke ghar-ragunijiet ta' sahhtu huwa ma felahx jibqa` taht l-istess saqaf maghha u kellu jitlaq mid-dar matrimonjali. Peress illi f'[din id-dar matrimonjali, jirrisjedu wkoll uliedu E u D, l-attrici qeghda tuza dan il-vantagg tan-nuqqas ta' presenza tal-esponent sabiex tipprova tbeghdu minn uliedu. L-esponent ma jaqbilx illi l-attrici ghandha tibqa` fid-dar matrimonjali ghaliex tali propjeta tappartjeni liz-zewg partijiet u ghalhekk tali propjeta` ghandha tinbiegh u mir-rikavat tal-assi kollha kull parti jkollha finanzi bizzejjed li takkwista propjeta` alternattiva esklussiva ghal dik il-parti.
4. Illi dwar it-talba ta' martu ghal manteniment, l-esponent jissottometti li martu ghandha tigi ritenuta li ddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment ghaliha minghand l-esponent, u fi kwalunkwe kaz, ghandha mezzi u kapacitajiet bizzejjed sabiex tmantni lilha nnifisha. Dan tenut kont li fid-dar matrimonjali jghixu erba` minn nies – mhux biss martu, izda zewg uliedu maggorenni u omm l-attrici. Ibnu D huwa perit ta' 35 sena b'impjieg regolari u renditizju filwaqt illi kemm ilha toqghod hemm omm il-mara, din dejjem ikkontribwiet kif inhu xieraq ghal manteniment tal-bzonnijiet tad-dar. L-esponent jixtieq jirrileva illi kif ser jigi pruvat, l-istat ta' sahhtu ma jippermettilux li jibqa` jahdem bis-sighat u responsabilitajiet li dejjem zamm.
5. L-esponent jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghandha tigi xjolta u likwidata u kollox ghandu jinqasam fin-nofs.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro talba tal-konvenut li permezz taghha ppremetta (a fol. 27) :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Dicembru 1978 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, D u E, it-tnejn maggorenni.
2. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser minhabba abbuz psikologiku, agir umiljanti u dominanti, sevizzi, eccessi u ngurji gravi kommessi mill-attrici fil-konfront tal-esponent kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Illi minhabba dan l-agir u l-abbuz, huwa kellu jabbanduna d-dar matrimonjali u jistabilixxi residenza tieghu x'imkien iehor.
4. Illi minhabba tortijiet kommessi minn martu li wasslu ghat-tifrik taz-zwieg, hija ghandha tigi ritenuta li tilfet id-dritt li tircievi l-manteniment minghand l-esponent.
5. Illi minhabba li l-esponent gie kostrett li jitlaq mid-dar matrimonjali, hu kellu jistabilixxi ir-residenza tieghu x'imkien iehor. Sussidjarjament u fi kwalunkwe kaz, martu ghandha mezzi u kapacitajiet bizzejjed sabiex tmantni lilha nnifisha.
6. Illi l-esponent jixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xjolta u likwidata u assenjata bejn il-partijiet b'mod li tali likwidazzjoni tigi stabbilita data meta martu tigi kunsidrata hatja tal-firda u ghalhekk tilfet kull jedd ghal kull introjtu u akkwist maghmul bil-hila tal-esponent.

**Raguni ghat-talba**

Peress illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Dicembru 1978

Peress illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser minhabba sevizzi, eccessi, abbuz kontinwu u ngurji gravi kommessi mill-attrici fil-

konfront tal-konvenut kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal illum maggorenni.

Peress illi l-attrici ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand il-konvenut u fi kwalunkwe kaz ghandha mezzi bizzejjed sabiex tmanti lilha nnifisha.

Peress illi l-konvenut kellu jitlaq mid-dar matrimonjali ghaliex ma felahx izjed ghal agir abbuziv fil-konfront tieghu.

Peress illi l-konvenut jixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi xjolta u likwidata bl-applikazzjoni kontra l-attrici tad-dekadenzi kontemplati fil-ligi minhabba s-ssevizzi, l-ingurji u l-htijiet l-ohra taghha.

Peress illi l-konvenut jinsab awtorizzat jipprocedi b'din l-istanza bis-sahha tad-digriet tal-14 ta' Marzu 2012.

**Talbiet**

Talab ghalhekk li l-attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq imsemmija imputabbli esklussivament lill-attrici.
2. Tiddikjara li l-attrici ddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut.
3. Sussidjarjament u bla pregudizzju, tiddikjara li l-attrici ghandha mezzi bizzejjed li tmantni lilha nnifisha u ghalhekk tiddikjara li l-konvenut ma ghandux ihallasha xi manteniment ghaliha nnifisha.
4. Tapplika kontra l-attrici d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48(1) et seq tal-Kodici Civili.

5. Tordna t-terminazzjoni u xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti ;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici rikonvenzjonanta li *in forza* taghha eccepiet (fol. 30) :

i. Illi t-talbiet kollha tal-intimat, fil-kontro-talba tieghu huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, u dan peress illi l-htija tas-separazzjoni bejn il-partijiet hija unikament tal-intimat rikonvenzjonant.

ii. Illi partikolarment ghall-ewwel talba tieghu, m'hemm xejn imputabbli fil-konfront tal-esponenti illi wassal ghas-separazzjoni u ghall-kawza odjerna, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza;

iii. Illi ghar-rigward it-tieni talba tieghu, mhux minnu illi l-esponenti ddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza;

iv. Illi ghar-rigward it-tielet talba, din hija nsostenibbli, u fi kwalunkwe kaz, lanqas ma huwa minnu li l-esponenti ghandha mezzi bizzejjed biex tmantni lilha nnifisha.

v. Illi konsegwentement, ghar-rigward ir-raba` talba tieghu, lanqas ma ghandhom japplikaw kontra l-esponenti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48(1) et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

vi. Illi, in vista li t-tort huwa unikament tal-intimat rikonvenzjonant, lanqas ma ghandha tigi milqugha l-hames talba tieghu kif dedotta.

vii. Bl-ispejjez kontra l-intimat rikonvenzjonant.

viii. Salv, risposti ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Il-Qorti rat illi l-partijiet ittransigew il-pendenzi kollha bejniethom u effettivament iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali minn ma' xulxin illi gie ppubblikat;

Il-Qorti rat ukoll in-nota ta' A B li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza odjerna hlief ghall-ewwel talba u rat in-nota tal-konvenut C B li permezz taghha ceda l-atti tal-kontro-talba tieghu stante transazzjoni bejn il-partijiet permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, hlief ghall-ewwel talba;

Rat ghalhekk li jonqos biss li tigi deciza l-ewwel talba;

Il-Qorti rat illi effetivament id-disposizzjonijiet kollha tal-artikolu 66 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti peress illi gie ppruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati minn ma' xuxlin ghall-aktar minn erba` snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet, r-raba`, il-hames u s-sitt u s-seba` talbiet attrici, tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet;

Il-Qorti rat ukoll il-kontro-talba tal-konvenut C B u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, it-tielet, ir-raba` u

l-hames talbiet kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenut, tilqa` l-ewwel talba u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imsemmija aktar ‘il fuq f’din is-sentenz;.

Il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.